



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 16.3.2012
COM(2012) 125 final

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 2
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2012**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsimha III - Il-Kummissjoni**

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 2
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2012**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsimi III - Il-Kummissjoni**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 adottat fl-1 ta' Diċembru 2011,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2012², adottat fil-27 ta' Jannar 2012,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-awtorità tal-baġit l-Abbozz tal-Baġit Emendatorju Nru 2 għall-baġit tal-2012.

TIBDILJET GĦAD-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa huma disponibbli fil-EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>). Verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet għal din id-dikjarazzjoni hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness tal-baġit.

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.
² COM(2012) 31 final.

WERREJ

1.	DAĦLA	3
2.	IL-MOBILIZZAZZJONI TAL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE.....	3
3.	FINANZJAMENT.....	3
4.	TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU	3

1. DAĦLA

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 2 għas-sena 2012 ikopri l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għal ammont ta' EUR 18 061 682 f'approprazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet marbuta mal-effetti ta' għargħar fl-Italja (Liguria u Toscana) f'Ottubru tal-2011.

2. IL-MOBILIZZAZZJONI TAL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE

Fil-25 ta' Ottubru 2011, sistema ta' temp estrem ikkonċentrata fuq il-Majjistral tal-Italja wasslet għal ammont vast ta' xita li niżlet fi ftit sığhat biss. L-aġar li ġew affettwati kienu l-provinċja ta' La Spezia fil-Liguria u Massa Carrara fit-Toscana. Bħala riżultat tad-dulluvju, infaqgħu ix-xtut ta' bosta xmajjar żgħar fi nħawi għoljin u kwantitajiet enormi ta' ilma, tajn u terrapien niżlu fil-widien ta' taħthom, biex b'hekk żewġ xmajjar - il-Vara u l-Magra faru u kkawżaw għargħar f'diversi bliet. Iż-żona tal-viċin Cinque Terre fil-provinċja ta' La Spezia ntaqtet serjament ukoll. Id-diżastru li rriżulta kkawża ħsarat serji fid-djar residenzjali, fin-negozji u l-agrikoltura u xekkel linji maġġuri ta' trasport u netwerks tal-infrastruttura pubblika essenzjali. Partijiet miż-żona tad-diżastru jikkonċernaw l-inħawi ta' "Cinque Terre", parti integrali mir-Riviera Taljana u sit ta' Wirt Dinji tal-Unesco.

Sussegwentement, l-Italja ressqet applikazzjoni għal għajjnuna finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu investigazzjoni bir-reqqa tal-applikazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 u b'mod partikolari skont l-Artikoli 2, 3 u 4 tiegħu. Fil-qosor, l-aktar elementi importanti tal-valutazzjoni huma dawn:

- (1) L-applikazzjoni waslet għand il-Kummissjoni fit-22 ta' Diċembru 2011, li kien sew fil-limitu preskritt ta' 10 ġimgħat wara li kienu rreġistrati l-ewwel ħsarat fil-25 ta' Ottubru 2011.
- (2) Id-diżastru huwa ta' oriġini naturali u jaqa' taħt il-qasam tal-applikazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà.
- (3) Għaż-żona msemmija tad-diżastru li tiġbor fiha l-partijiet ġirien tal-Liguria u t-Toscana, l-awtoritajiet Taljani stmaw li l-ħasra totali diretta tammonta għal EUR 722 467 299. Dan l-ammont jirrappreżenta l-20,43 % tal-limitu applikabbli normali ta' ta' EUR 3,536 biljun fil-konfront tal-Italja għall-2011 b'rabta mal-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà (jiġifieri EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-2002).
- (4) Peress li l-ħsara totali tibqa' taħt il-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà, l-applikazzjoni kienet eżaminata fuq il-bażi tal-kriterji tal-hekk imsejħa "diżastri reġjonali straordinarji" stabbiliti fl-Artikolu 2(2), is-subparagrafu finali, tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 li jstipula l-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà "taħt ċirkostanzi eċċezzjonali". Taħt dawn il-kriterji, reġjun jista' jibbenefika eċċezzjonalment ukoll minn għajjnuna mill-Fond fejn dan jintlaqat minn diżastru straordinarju, prinċipalment wieħed naturali, li jolqot lill-parti l-kbira tal-popolazzjoni tiegħu, u li jħalli riperkussjonijiet serji u fit-tul fuq il-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u fuq l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun. Ir-Regolament jitlob konċentrazzjoni speċjali fuq ir-reġjuni remoti u iżolati, bħal reġjuni insulari u l-aktar imbiegħda kif definiti fl-Artikolu 349 tat-Trattat. Iż-żona affettwata fl-Italja ma taqax f'din il-kategorija. Ir-Regolament jitlob "rigorożità mill-akbar" fil-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet ippreżentati taħt id-dispożizzjonijiet ta' "diżastru reġjonali straordinarju".
- (5) Kif stipulat fir-Rapport Annwali dwar il-Fond ta' Solidarjetà (2002-2003) il-Kummissjoni tikkunsidra li sabiex il-kriterji speċifiċi għad-diżastri reġjonali jkollhom tifsira fil-kuntest

nazzjonali, għandha ssir distinzjoni bejn avvenimenti reġjonali serji u dawk li jkunu biss lokali. Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, dawk tal-aħħar jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li dawk tal-ewwel jistgħu jiġu kkunsidrati għall-għajjn taħt il-Fond ta' Solidarjetà. Sabiex jissodisfaw il-kriterji tal-Fond ta' Solidarjetà, l-awtoritajiet Taljani ibbażaw l-applikazzjoni tagħhom fuq żona ta' 20 municiplità li kienu l-aqgħar li ntlaqtu mid-diżastru. Iż-żona tinsab fl-istrixxa kostali ta' Cinque Terre, il-baċir idrografiku tax-xmara Vara fil-Provinċja ta' La Spezia u ż-żona Lunigiana fil-Provinċja ta' Massa Carrara b'popolazzjoni totali ta' l-fuq minn 52 000 abitant.

- (6) Waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-Fond ta' Solidarjetà hi li tkun intlaqtet il-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni fir-reġjun li għalih ikun hemm l-applikazzjoni. L-applikazzjoni Taljana tiddikjara li total ta' 28 858 abitant f'20 municiplità ntlaqtu direttament mid-diżastru minn popolazzjoni totali ta' 52 251. L-evidenza li pprovdew tidher plawżibbli. Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li l-parti l-kbira tal-popolazzjoni ntlaqtet direttament u li l-kundizzjonijiet huma ssodisfati.
- (7) Fir-rigward tar-rekwiżit li tingħata prova ta' riperkussjonijiet serji u fit-tul fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u fuq l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun, l-applikazzjoni tenfasizza l-qerda u l-interruzzjoni ta' netwerks ta' utilitajiet u infrastrutturi oħra (bħal fl-oqsma tat-trasport, tal-ilma u tal-elettriku), l-impatt tal-għargħar fuq l-ambjent naturali, l-effetti fuq in-negozji u t-turiżmu kif ukoll il-qerda ta' djar residenzjali. Fiż-żona milquta tal-Liguria, id-diżastru kkawża 13-il fatalità u fuq elf ruħ kellhom jitilqu minn djarhom. Fit-Toscana, ġew irrappurtati żewġ fatalitajiet kif ukoll il-ħtieġa li jiġu evakwati 'l fuq minn 300 ruħ. Id-djar inqerdu, saritilhom ħsara sinjifikanti jew saru inabitabbli, b'mod li kien impossibbli għar-residenti li jerġgħu lura lejn djarhom fil-futur qrib. Saret ħsara fit-toroq, il-motorway A15 parzjalment inġalqet u kienu interrotti n-netwerks tal-ferrovija, filwaqt li għub tax-xmajjar u pontijiet ċedew. Netwerks pubbliċi bħall-ilma, il-gass, l-elettriku, is-sistemi u impjanti tat-trattament tad-drenaġġ, ġew interrotti wkoll. 846 SMEs il-biċċa l-kbira minnhom tal-familja b'1 209 impjegat sofrew mill-konsegwenzi tal-għargħar. Madwar żewġ terzi tagħhom huma marbuta direttament mat-turiżmu, wieħed mis-setturi ewlenin taż-żona. Barra minn hekk, dan id-diżastru naturali straordinarju kkawża ħsarat qawwija fiż-xtajtiet u fir-rotot tat-trekking, it-tnejn li huma kruċjali għall-industrija tat-turiżmu. L-awtoritajiet Taljani jistmaw telf fil-previżjonijiet tal-PDG ta' madwar 20% u 25% fi dħul fl-2012. Hu mistenni li biex il-kundizzjonijiet jerġgħu jiġu kollha lura għan-normal trid tgħaddi sena jew anke aktar.
- (8) L-ispiża tal-operazzjonijiet eliġibbli taħt l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 hi stmata għal EUR 511,4 miljun u mqasma f'4 kategoriji: A) restawr immedjat tal-infrastruttura biex wieħed ikun jista' jużaha, B) akkomodazzjoni temporanja u servizzi ta' salvataġġ, C) infrastrutturi preventivi u protezzjoni immedjata tal-wirt kulturali u D) it-tindif tal-inħawi/taż-żoni milquta mid-diżastru. L-ogħla spejjeż huma stmati għar-restawr tal-infrastrutturi tat-trasport u dawk preventivi kif ukoll għat-tindif.
- (9) Ir-reġjun milqut huwa eliġibbli bħala "Reġjun tal-Kompetittività u Impjiegi" taħt il-Fondi Strutturali (2007-2013). L-awtoritajiet Taljani wrew lill-Kummissjoni l-ħsieb tagħhom li jirriallokaw fondi mill-programmi tal-Fond Strutturali għal-Liguria u t-Toscana lejn miżuri ta' rkupru.
- (10) L-awtoritajiet Taljani indikaw li l-kost eliġibbli mhuwa kopert minn ebda assikurazzjoni.

Bħala konklużjoni, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, id-diżastru tal-għargħar imsemmi fl-applikazzjoni jista' jkun meqjus bħala straordinarju skont it-tifsira tar-Regolament u jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(2), l-aħħar subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 biex jiġi mobilitat b'mod eċċezzjonali l-Fond ta' Solidarjetà.

3. FINANZJAMENT

Il-baġit annwali totali disponibbli għall-Fond ta' Solidarjetà huwa ta' EUR 1 000 miljun. Billi s-solidarjetà kienet il-ġustifikazzjoni ċentrali għall-ħolqien tal-Fond, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-għajjnuna mill-Fond għandha tkun progressiva. Dan ifisser li, skont Prattika Preċedenti, il-parti tal-ħsarat li taqbeż il-limitu (0,6 % tad-DNG jew EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-2002, liema minnhom ikun l-iżgħar ammont) għandha twassal għal intensità ta' għajjnuna akbar minn ħsarat li jaslu sal-limitu. Ir-rata applikata fl-imgħoddi biex jiġu definiti l-allokazzjonijiet għal diżastri maġġuri hija ta' 2,5 % tal-ħsara diretta totali taħt il-limitu minimu għall-mobilizzazzjoni tal-Fond u 6 % 'il fuq. Il-metodoloġija biex isir il-kalkolu tal-għajjnuna mill-fond ta' Solidarjetà kienet stabbilita fir-Rapport Annwali 2002-2003 dwar il-fond ta' Solidarjetà u aċċettata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Qed issir il-proposta li jkunu applikati l-istess persentaġġi f'dan il-każ u li jingħataw l-ammonti li ġejjin bħala għajjnuna:

(F'Eur)

	Ħsara diretta aċċettata	Limitu	Ammont ibbażat fuq 2,5 %	Ammont ibbażat fuq 6 %	Ammont totali tal- għajjnuna proposta
Liguria u Toscana għargħar 2011	722,467 miljun	3,536 miljun	18 061 682	-	18 061 682
Total					18 061 682

F'dan l-istadju tas-sena, u fuq il-bażi tal-previżjonijiet ta' implimentazzjoni, ma hemmx sors ta' rimobilizzazzjoni possibbli għall-appropriazzjonijiet tal-ħlasijiet mitluba. Għall-kuntrarju, l-indikaturi kollha jippuntaw lejn skarsezza probabbli ta' appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet aktar tard fis-sena.

Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni tipproponi żieda korrispondenti fil-livell ta' appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet.

4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU

Qafas finanzjarju Intestatura/subintestatura	Qafas finanzjarju 2012		Baġit 2012 (inkl. ABE 1/2012)		ABE 2/2012		Baġit 2012 (inkl. ABE 1-2/2012)	
	AI	AH	AI	AH	AI	AH	AI	AH
1. TKABBIR SOSTENIBBLI								
1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi <i>Marġini</i>	14 853 000 000		15 403 000 000 -50 000 000	11 500 977 788			15 403 000 000 -50 000 000	11 500 977 788
1b. Koeżjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi <i>Marġini</i>	52 761 000 000		52 752 576 141	43 835 746 321			52 752 576 141	43 835 746 321
L-ispiża <i>Marġini</i> ³	67 614 000 000		68 155 576 141 -41 576 141	55 336 724 109			68 155 576 141 -41 576 141	55 336 724 109
2. PRESERVAZZJONI U ĠESTJONI TA' RIŻORSI NATURALI								
Li minnhom nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti Total <i>Marġini</i>	48 093 000 000		43 969 637 305	43 875 978 049			43 969 637 305	43 875 978 049
	60 810 000 000		59 975 774 185 834 225 815	57 034 220 262			59 975 774 185 834 225 815	57 034 220 262
3. ĊITTADINANZA, LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA								
3a. Libertà, Sigurtà u Ġustizzja <i>Marġini</i>	1 406 000 000		1 367 806 560 38 193 440	835 577 878			1 367 806 560 38 193 440	835 577 878
3b. Ċittadinanza <i>Marġini</i>	699 000 000		697 436 780	648 700 180	18 061 682	18 061 682	715 498 462	666 761 862
Total <i>Marġini</i> ⁴	2 105 000 000		2 065 243 340 39 756 660	1 484 278 058	18 061 682	18 061 682	2 083 305 022 39 756 660	1 502 339 740
4. L-UE BĦALA ATTUR GLOBALI <i>Marġini</i> ⁵	8 997 000 000		9 405 937 000 -150 000 000	6 955 083 523			9 405 937 000 -150 000 000	6 955 083 523
5. AMMINISTRIZZJONI <i>Marġini</i> ⁶	8523 000 000		8 279 641 996 327 358 004	8 277 736 996			8 279 641 996 327 358 004	8 277 736 996
TOTAL <i>Marġini</i>	148 049 000 000	141 360 000 000	147 882 172 662 1 209 764 338	129 088 042 948 12 445 957 052	18 061 682	18 061 682	147 900 234 344 1 209 764 338	129 106 104 630 12 445 957 052

³ Il-Fond Ewropew tal-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) mhux inkluż fil-kalkolu tal-marġini taħt l-Intestatura 1a (EUR 500 miljun). EUR 50 miljun fuq il-limitu massimu huma ffinanzjati permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità.

⁴ L-ammont tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) jiddaħħal apparti l-intestaturi rilevanti kif previst mill-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU C 139 tal-14.6.2006)

⁵ Il-marġini tal-2012 għall-intestatura 4 ma jqisx l-approprijazzjonijiet relatati mar-Riżerva tal-Għajnuna ta' Emerġenza (EUR 258,9 miljun). EUR 150 miljun fuq il-limitu massimu huma ffinanzjati permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità.

⁶ Għall-kalkolu tal-marġini taħt il-limitu massimu tal-intestatura 5, ittieħed kont tan-nota (1) f'qiegħ il-paġna fil-qafas finanzjarju 2007-2013 għal ammont ta' EUR 84 miljun għall-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni.